2026/524

12.3.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/524

tal-11 ta' Marzu 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f'konformità mal-prinċipju "min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel", u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1484/95

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 182(1) u (4), u l-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ([2]) jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali tal-importazzjoni fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u jistabbilixxi l-metodu għall-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi.

(2) Fl-interess li jittejbu l-koerenza, it-trasparenza u l-aċċessibbiltà tad-dritt tal-Unjoni, u f'konformità mal-objettivi ta' regolamentazzjoni aħjar, jixraq li l-qafas regolatorju jiġi ssimplifikat billi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 jiġu integrati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2834 ([3]). Dan l-approċċ għandu l-għan li jnaqqas l-għadd kumplessiv ta' atti legali fis-seħħ, jelimina d-duplikazzjonijiet, u jiżgura applikazzjoni aktar konsistenti tar-regoli tal-Unjoni fis-setturi kollha. L-inkorporazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għas-settur f'qafas orizzontali tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-*acquis*, filwaqt li tippreserva d-drittijiet u l-obbligi sostantivi tal-partijiet ikkonċernati u tiżgura l-kontinwità u ċ-ċertezza legali.

(3) Matul iċ-Ċiklu tal-Urugwaj tan-negozjati kummerċjali multilaterali, infetħet kwota tariffarja għaċ-ċanga ffriżata. Il-kwota kienet maqsuma f'żewġ partijiet, b'definizzjonijiet differenti għal kull parti: parti għaċ-ċanga ffriżata maħsuba għall-ipproċessar bħala prodotti A u parti għaċ-ċanga ffriżata maħsuba għall-ipproċessar bħala prodotti B. Il-proporzjon tal-kontenut ta' ilma/proteini tal-prodotti B ġie definit għall-ewwel darba fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1977/95 ([4]). Dan il-proporzjon ta' ilma/proteini nżamm fid-definizzjoni tal-prodotti B iżda nkiteb b'mod differenti fir-regolamenti suċċessivi ta' dak ir-Regolament.

(4) Għalhekk jixraq li jiġi ċċarat il-proporzjon korrett fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 ([5]).

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 tat-28 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi r-regolamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali tal-importazzjoni u l-iffissar ta' dazji addizzjonali tal-importazzjoni fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u biex iħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE (ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1995/1484/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2834 tal-10 ta' Ottubru 2023 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-importazzjonijiet fis-setturi tar-ross, taċ-ċereali, taz-zokkor u tal-ħops (ĠU L, 2023/2834, 21.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2834/oj).

([4]) Commission Regulation (EC) No 1977/95 of 11 August 1995 opening and providing for the administration of an import tariff quota for frozen beef intended for processing (1 July 1995 — 30 June 1996) (OJ L 191, 12.8.1995, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1995/1977/oj) (Ma jeżistix bil-Malti).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 tal-11 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f'konformità mal-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" (ĠU L 422, 14.12.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1988/oj).

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834 u (UE) 2020/1988 jiġu emendati kif xieraq.

(6) Jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1484/95 jitħassar.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2834 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2834 tal-10 ta' Ottubru 2023 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-importazzjonijiet fis-setturi tar-ross, taċ-ċereali, taz-zokkor, tal-ħops, tal-laħam tat-tjur u tal-bajd, u tal-albumina tal-bajd";

(2) jiddaħħal il-Kapitolu 4a li ġej:

"KAPITOLU 4a

LAĦAM TAT-TJUR U BAJD U ALBUMINA TAL-BAJD

Artikolu -43a

Dazji tal-importazzjoni

1. Id-dazji addizzjonali tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 182 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), minn hawn 'il quddiem imsejħa 'dazji addizzjonali', għandhom jiġu applikati għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament li għalihom il-prezzijiet rappreżentattivi huma ffissati skont l-Artikolu -43b.

2. Il-prezzijiet indikattivi korrispondenti msemmija fl-Artikolu 182(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fl-Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 510/2014 huma stabbiliti fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu -43c

Dispożizzjonijiet dwar il-provi, il-garanzija, ir-rilaxx tal-garanzija u l-irkupru tad-dazji tal-importazzjoni

1. Id-dazju addizzjonali għal-laħam tat-tjur u għall-bajd u għall-albumina tal-bajd għandu jiġi stabbilit abbażi tal-prezz tal-kost, l-assigurazzjoni u n-nol (CIF, cost, insurance and freight) tal-importazzjoni tal-kunsinna inkwistjoni f'konformità mal-Artikolu -43d.

2. Meta l-prezz CIF tal-importazzjoni għal kull 100 kg ta' kunsinna jkun ogħla mill-prezz rappreżentattiv applikabbli msemmi fl-Artikolu -43b(1), l-importatur għandu jippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jimporta ta' mill-anqas il-provi li ġejjin:

(a) il-kuntratt tax-xiri tal-kunsinna, jew kwalunkwe dokument ieħor ekwivalenti;

(b) il-kuntratt tal-assigurazzjoni tal-kunsinna;

(c) il-fattura tal-kunsinna;

(d) iċ-ċertifikat tal-oriġini (fejn japplika) tal-kunsinna;

(e) il-kuntratt tat-trasport tal-kunsinna;

(f) u, fil-każ tat-trasport bil-baħar, il-polza tal-kargu tal-kunsinna.

3. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 2, l-importatur għandu jipprovdi l-garanzija msemmija fl-Artikoli 89, 90 u 195 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, li tkun daqs id-differenza bejn l-ammont ta' dazju addizzjonali tal-importazzjoni kkalkulat abbażi tal-prezz rappreżentattiv applikabbli għall-prodott inkwistjoni u l-ammont ta' dazju addizzjonali tal-importazzjoni kkalkulat abbażi tal-prezz CIF tal-importazzjoni tal-kunsinna inkwistjoni.

4. L-importatur għandu jkollu xahrejn żmien mill-ġurnata tal-bejgħ tal-prodotti inkwistjoni, soġġett għal limitu ta' 9 xhur mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, sabiex jagħti prova li l-kunsinna ntużat skont kundizzjonijiet li jikkonfermaw il-korrettezza tal-prezzijiet imsemmija fil-paragrafu 2. Il-garanzija ppreżentata tintilef f'każ li ma tkunx rispettata xi waħda minn dawn id-dati ta' skadenza. Madankollu, il-limitu ta' 9 xhur żmien jista' jiġi estiż mill-awtoritajiet kompetenti sa massimu ta' 3 xhur oħra, fuq talba tal-importatur, li trid tiġi sostanzjata kif xieraq.

Il-garanzija ppreżentata għandha tiġi rilaxxata sakemm tingħata prova għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali tal-kundizzjonijiet għad-disponiment. Inkella, il-garanzija għandha tintilef bħala ħlas tad-dazji addizzjonali.

5. Jekk, wara li ssir verifika, l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu ma jkunux ġew issodisfati, huma għandhom jirkupraw id-dazju dovut f'konformità mal-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. L-ammont tad-dazju li għandu jiġi rkuprat jew li jkun fadal biex jiġi rkuprat għandu jinkludi l-imgħax mid-data li fiha l-oġġetti jkunu ġew rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera sad-data tal-irkupru. Ir-rata tal-imgħax applikata għandha tkun dik fis-seħħ għall-operazzjonijiet ta' rkupru skont il-liġi nazzjonali.

Artikolu -43d

Kalkolu tad-dazju addizzjonali tal-importazzjoni msemmi fl-Artikolu -43a

Jekk id-differenza bejn il-prezz indikattiv inkwistjoni msemmi fl-Artikolu -43a(2) u l-prezz CIF tal-importazzjoni tal-kunsinna inkwistjoni:

(a) tkun anqas jew daqs 10 % tal-prezz indikattiv, ma għandu jiġi impost l-ebda dazju addizzjonali;

(b) tkun ogħla minn 10 % iżda anqas jew daqs 40 % tal-prezz indikattiv, id-dazju addizzjonali għandu jkun daqs 30 % tal-ammont li bih id-differenza teċċedi 10 %;

(c) tkun ogħla minn 40 % iżda anqas jew daqs 60 % tal-prezz indikattiv, id-dazju addizzjonali għandu jkun daqs 50 % tal-ammont li bih id-differenza teċċedi 40 %, flimkien mad-dazju addizzjonali konċess taħt il-punt (b);

(d) tkun ogħla minn 60 % iżda anqas jew daqs 75 %, id-dazju addizzjonali għandu jkun daqs 70 % tal-ammont li bih id-differenza teċċedi 60 % tal-prezz indikattiv, flimkien mad-dazji addizzjonali konċessi taħt il-punti (b) u (c);

(e) tkun ogħla minn 75 % tal-prezz indikattiv, id-dazju addizzjonali għandu jkun daqs 90 % tal-ammont li bih id-differenza teċċedi 75 %, flimkien mad-dazji addizzjonali konċessi taħt il-punti (b), (c) u (d).

Artikolu -43e

Eżenzjoni ta' dazji addizzjonali

Id-dazji addizzjonali ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' importazzjonijiet skont ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 (**) u (UE) 2020/1988 (***).

_____

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/510/oj).

(**) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/761/oj).

(***) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 tal-11 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f'konformità mal-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" (ĠU L 422, 14.12.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1988/oj).";

(3) jiżdied Anness XVII ġdid, li t-test tiegħu jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988

Fl-Artikolu 18 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, 'prodott-B' fil-kwoti tariffarji taħt in-numri tal-ordni 09.0163 u 09.0164 għandu jfisser prodott ipproċessat li fih iċ-ċanga, għajr il-prodotti speċifikati fil-punt (a) tal-Parti XV tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Prodott ipproċessat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0210 20 90 li tnixxef jew ġie affumikat hekk li l-kulur u l-konsistenza tal-laħam frisk sparixxew kompletament u bi proporzjon ta' ilma/proteina ta' mhux aktar minn 3,2:1 għandu jkun prodott-B ukoll.".

Artikolu 3

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 1484/95 huwa mħassar.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS XVII

Il-lista ta' prodotti u l-prezzijiet indikattivi msemmija fl-Artikolu -43a

Kodiċi NM	Prezz indikattiv EUR/100 kg
0105 11 11	8 588,0
0105 11 19	8 588,0
0105 11 91	8 588,0
0105 11 99	588,0
0105 12 00 0105 19 20	3 242,3
0105 19 90	14 525,0
0105 92 00 0105 93 00	55,8
0105 99 10	115,1
0105 99 20	185,9
0105 99 30	147,8
0105 99 50	133,3
0207 11 10	142,3
0207 11 30	100,2
0207 11 90	128,5
0207 24 10	170,0
0207 24 90	250,0
0207 32 11	158,8
0207 32 15	185,1
0207 32 19	173,5
0207 32 51	207,1
0207 32 59	257,3
0207 32 90	173,2
0207 12 10	98,8
0207 12 90	131,2
0207 25 10	177,7
0207 25 90	179,8
0207 33 11	170,1
0207 33 19	167,9
0207 33 51	200,0
0207 33 59	248,2
0207 33 90	204,5
0207 13 10	339,8
0207 13 20	100,0
0207 13 30	180,0

Kodiċi NM	Prezz indikattiv EUR/100 kg
0207 13 50	227,1
0207 13 60	158,1
0207 13 70	310,7
0207 13 99	100,0
0207 26 10	339,0
0207 26 20	342,3
0207 26 50	279,9
0207 26 60	142,9
0207 26 70	177,8
0207 26 80	200,0
0207 26 99	216,7
0207 35 11	435,3
0207 35 15	423,2
0207 35 23	133,3
0207 35 31	100,0
0207 35 41	78,3
0207 35 51	463,4
0207 35 53	331,9
0207 35 61	309,7
0207 35 63	164,2
0207 14 10	333,5
0207 14 20	251,1
0207 14 30	97,5
0207 14 40	80,0
0207 14 50	235,7
0207 14 60	158,9
0207 14 70	316,6
0207 14 99	143,4
0207 27 10	329,9
0207 27 20	337,8
0207 27 40	80,8
0207 27 50	280,0
0207 27 60	111,1
0207 27 70	172,7
0207 27 80	233,3
0207 27 99	131,3
0207 36 11	465,3
0207 36 15	354,5
0207 36 21	100,0

Kodiċi NM	Prezz indikattiv EUR/100 kg
0207 36 23	133,3
0207 36 31	107,8
0207 36 41	81,1
0207 36 51	432,4
0207 36 53	308,3
0207 36 61	309,7
0207 36 63	166,0
0207 36 71	234,5
0207 36 79	500,0
0207 36 90	163,2
0209 00 90	135,8
1602 32 11 1602 39 21	318,6
0407 00 11	935,9
0407 00 19	743,6
0407 00 30	52,7
0408 11 80	343,3
0408 19 81	69,6
0408 19 89	111,9
0408 91 80	271,4
0408 99 80	59,7
3502 11 90	521,5
3502 19 90	51,7”